**27 ta' April, 1987**

**Imhallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A. LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Mary Magdalene Symes *pro et noe*

*versus*

Anthony Azzopardi *et noe*

**Appell – Nullità ta' – Nota ta' l-Appell – Korrezzjoni – Appell Inċidentali – Nullità ta' l-Appell Prinċipali ġġib in-Nullità ta' l-Appell Inċidentali**

*Il-mertu quddiem l-ewwel Qorti kien wieħed naxxenti minn sentenza preċedenti dwar kuntratt ta' appalt.*

*L-interess tas-sentenza ta' l-Appell huma r-riflessjonijiet ta' l-ewwel Qorti illi n-nuqqas tan-Nota ta' l-Appell twassal għan-nullità ta' l-Appell. Fil-każ saret Nota ta' l-Appell f'isem il-konvenuti proprio li qatt ma kienu parti fil-kawża. Ma saret ebda Nota ta' l-Appell f'isem il-konvenut li kienet is-soċjetà konvenuta.*

*Il-Kodiċi ta' Proċedura jagħti setgħa lill-Qorti ta' l-appell li tippermetti korrezzjoni fil-kwalità li tidher persuna però l-Qorti m'hijiex awtorizzata żżid persuna li ma tkunx inkluża fin-Nota jew tissostwixxi persuna li tkun għamlet Nota b'waħda kompletament żbaljata.*

*In-Nota ta' l-Appell hija element essenzjali fl-interposizzjoni ta' l-Appell u n-nuqqas tagħha ma tista' b'ebda mod tiġi ssanata jew supplita.*

*La darba l-Appell prinċipali huwa null, jaqa' wkoll l-appell inċidentali.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni fil-Qorti tal-Kummerċ li biha l-attriċi *'proprio et nomine'* – premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni – wara li ppremettiet illi b'sentenza ta' dik il-Qorti tal-31 ta' Jannar, 1977,

il-konvenuti kienu ġew ikkundannati jagħmlu a spejjeż tagħhom fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza x-xogħlijiet u fornituri kollha ddettaljati fl-istess sentenza fil-fond ta' l-atturi; illi l-konvenuti ma għamlux dawn ix-xogħlijiet u fornituri u kien ġie miftiehem illi l-konvenuti jħallsu lill-atturi għal dan in-nuqqas u għal darba waħda biss is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000); illi skond il-kuntratt tas-6 ta' Novembru, 1969, fl-att tan-Nutar Robert Girard il-konvenuti kellhom fost termini u kondizzjonijiet oħra jlestu minn kollox u pronti għall-użu u abitazzjoni l-*flat* u l-garaxx mixtrija mill-atturi sat-30 ta' Ġunju, 1970, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru, 1970, taħt penali ta' żewġ liri (Lm2) kuljum f'każ li jonqsu; illi kif diġà ġie aċċertat u deċiż fiċ-ċitata sentenza l-konvenuti baqgħu ma lestewx ix-xogħlijiet kollha sal-31 ta' Ottubru, 1970, u baqgħu hekk inadempjenti sal-31 ta' Jannar, 1977, talbet lil dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti (1) iħallsu lill-atturi s-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) skond kif miftiehem bejn il-partijiet għan-nuqqas tagħhom milli jikkompletaw ix-xogħlijiet u forniturì kif ikkundannati jagħmlu bis-sentenza tal-31 ta' Jannar, 1977 u (2) iħallsu lill-atturi dik is-somma li tiġi stabbilita f'penali għall-perijodu bejn il-31 ta' Ottubru, 1970, u l-31 ta' Jannar, 1977, *ai termini* tal-kuntratt tas-6 ta' Novembru, 1969 kif fuq ingħad bl-imgħaxijiet min-notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-16 ta' Ottubru, 1978;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *'nomine'* li eċċepew (1) illi qatt ma kien hemm l-allegat ftehim dwar is-sentenza tal-31 ta' Jannar, 1977; (2) illi l-penali mitluba hija preskritta; u (3) illi fi kwalunkwe każ huma ma nkorrew fl-ebda penali;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti

*'nomine'* (fol. 93) li eċċepew ulterjorment illi mingħajr preġudizzju ta' l-eċċezzjonijiet ġà mogħtija huma kredituri ta' l-attriċi fl-ammont *ta'* Lm*2,087*.50,0 (*elfejn* sebgħa u tmenin lira u ħamsin ċenteżmu), bl-imgħax legali mit-8 ta' Frar, 1979, għall-bilanċ ta' l-appalt skond il-kuntratt tas-6 ta' Novembru, *1969;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Marzu 1985, li laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti dwar l-ewwel talba attriċi u għalhekk ċaħdet l-ewwel talba attriċi, u rrespinġiet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha ssollevati mill-konvenuti *'nomine'* u laqgħet it-tieni talba ta' l-attriċi *'pro et noe'* u għalhekk ikkundannat lill-konvenuti fil-kwalità tagħhom imsemmija fiċ-ċitazzjoni jħallsu lill-attriċi fil-kwalità tagħha fuq imsemmija s-somma ta' Lm4,566 – somma stabbilita f'penali għall-perijodu bejn il-*31 ta'* Ottubru, *1970*, u l-*31* ta' Jannar, *1977*, *ai termini* tal-kuntratt tas-6 ta' Novembru, 1969, u dan għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni; ordnat li l-ispejjeż jiġu ssopportati mill-parijiet skond ir-rebħ *u t-telf rispettiv tagħhom; u bl-imgħaxijiet* fuq is-somma ta' Lm4,566 min-notifika taċ-ċitazzjoni, u dan wara li kkunsidrat illi:

Il-konvenuti esibew il-kuntratt tas-6 ta' Novembru, 1969 ippubblikat min-Nutar Robert Girard, li bih il-konvenuti biegħu l-*Flat* Nru. 2, *"still in early phase of cunstruction"* u garaxx fi blokk li jismu *"Villa Costa del Sol"* lill-atturi u dan versu l-prezz ta' Lm835. Fl-istess kuntratt l-attriċi u dan versu l-prezz ta' Lm835. Fl-istess *kuntratt* l-attriċi tat appalt lill-konvenuti biex jispiċċaw l-imsemmi *flat* u garaxx *"to the standard and specification listed in the annexxed documents A, A1* u *B"*. Dan l-appalt ġie mogħti versu l-prezz ta' Lm7515 u l-vendituri ċjoè l-konvenuti ggarantew lill-istess attriċi *"the good standard of*

*workmanship, good quality of materials and solidity of the buildings''*. Skond il-klawsola Nru. 5 (e) il-bilanċ li jkun fadal ta' Lm417.10 kellu jitħallas fi żmien xahar mill-''*handing over of the property to the satisfaction of the purchaser as provided for in clause two (2) of the contract of works''*. Skond id-Dokument A esibit fl-istandard a kwalità tax-xogħol kellhom ikunu mhux ta' kwalità tajba iżda ''*this development consists of 24 Super luxury Villa Flats''*;

Skond il-klawsola nru. 6 ta' l-Appalt, il-*flat* u garaxx in kwistjoni kellhom ikunu ''*fully completed, ready for use and habitation''* sat-30 ta' Ġunju, 1970'' *and in any event not later than the 31st day of October, 1970''*. Fin-nuqqas li dawn ma jkunux lesti sa dak iż-żmien il-vendituri, u ċjoè l-konvenuti f'din il-kawża kellhom iħallsu lill-atturi s-somma ta' Lm2 kuljum bħala penali u dan sa kemm jitlestew il-fondi *de quo*. Dawn kellhom jibda jkollhom effett mill-1 ta' Novembru, 1970;

Fil-fatt il-konvenuti ma lestewx il-fondi kif kellhom jagħmlu fiż-żmien stipulat u l-atturi tallum istitew azzjoni quddiem dik il-Qorti kontra l-konvenuti kemm minħabba l-fatt li x-xogħol ma tlestiex fiż-żmien stipulat, kemm ukoll għax il-konvenuti għamlu xogħol skadenti. Infatti f'dik iċ-ċitazzjoni wara li ppremettew dan kollu l-atturi odjerni kienu talbu 1) li l-konvenuti jiġu kkundannati minn dik il-Qorti biex fi żmien jew terminu prefiġġendi huma jikkompletaw ix-xogħol kollu skond il-ftehim u bla difetti u 2) l-attriċi fin-nuqqas ta' adempjenza da parti tal-konvenuti tiġi awtorizzata li tagħmel ix-xogħol hi a spejjeż tal-konvenuti. Fl-istess ħin l-atturi għamlu riserva għal kull azzjoni kontra l-konvenuti *nomine* għall-penali diġà dovuti kif ukoll għal kull penali ulterjuri u danni;

B'sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar, 1977, dik il-Qorti ddeċidiet din il-kawża. Fis-sentenza tagħha fol. 12 il-Qorti qalet "Għalhekk il-Qorti sejra telenka l-ewwel id-difetti jew nuqqasijiet li għandhom jiġu rrimedjati". Fil-fatt dik il-Qorti elenkat il-mankanzi u/jew nuqqasijiet dettaljament. Dawn jinsabu fis-sentenza, fuq iċċitata li kopja tagħha tinsab esibita u qegħdin a fol. 12 – 19 tal-proċess. Il-Qorti ddeċidiet billi kkundannat lill-konvenuti *nomine* li jagħmlu a spejjeż tagħhom ix-xogħlijiet u fornituri kollha elenkati fl-istess sentenza fil-fondi in kwistjoni u dan fi żmien tliet xhur mid-data ta' l-istess sentenza u ċjoè 31 ta' Jannar, 1977. Fin-nuqqas li dan isir hija awtorizzat lill-attriċi pro et noe li tagħmel ix-xogħlijiet kollha fuq imsemmija hi stess a spejjeż tal-konvenuti *noe* u dan taħt is-sorveljanza tal-AIC Austin Attard Montalto. Għalhekk minn dan kollu jidher li l-konvenuti ma lestewx ix-xogħlijiet kollha fuq imsemmija sal-31 ta' Ottubru, 1970, skond l-appalt lli kellhom u baqgħu hekk inadempjenti sal-31 ta' Jannar, 1977;

*Omissis;*

Id-diverġenza ta' bejn il-partijiet, u r-raġuni għaliex dawn ma ffirmawx it-transazzjoni għand il-perit toħroġ ċara ħafna mill-ittra li d-difensur tal-konvenuti bagħat lid-difensur ta' l-attriċi. Fost oħrajn dan qal hekk: *"This amount (Lm1045) is agreeable to both parties, but whilst your client wants to make it conditional to actual and immediate payment of the said amount by my client, my client wants to make it conditional on a set-off from the balance of the price of the flat still outstanding Lm2087.50, thus expecting your client to pay Lm1042.50"* (fol. 59). Dan kollu wkoll jinsab ikkorroborat mix-xiehda tal-konvenuti;

In effetti li ġara kien li l-partijiet fil-fatt kienu qablu fuq

iċ-ċifra ta' Lm1045 u dan rigward ix-xogħlijiet li ma kinux saru jew li kienu saru b'mod skadenti. It-transazzjoni bejniethom fil-fatt ma kinitx saret u l-ftehim li l-attriċi tallega li kien sar bejn il-partijiet ma kienx intlaħaq. Huma kienu qegħdin jittrattaw fuq transazzjoni sħiħa. L-attriċi kienet qiegħda tippretendi Lm1045 flus kontanti mingħand il-konvenuti u dan mingħajr ma jiġu effettwati l-kwistjoni l-oħra kollha pendenti u b'riserva tad-drittijiet tagħhom kontra tagħhom għal dak li hi kienet tippretendi li jispetta lilha. Il-konvenuti min-naħa l-oħra din riduha u riedu jaslu fi transazzjoni globali. Ir-riżultat ta' dan kien li l-ftehim li l-attriċi tallega li sar dwar l-Lm1000 ma kienx effettivament irrealizzat mill-partijiet. Kwindi għalhekk fil-fehma ta' dik il-Qorti l-ewwel talba ta' l-attriċi ma tistax tiġi milqugħa;

It-tieni talba ta' l-attriċi hija biex dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi dik is-somma li tiġi stabbilita f'penali għall-perijodu bejn il-31 ta' Ottubru, 1970 u l-31 ta' Jannar, 1977. Huwa fatt li skond il-"*Contract of Works*" ta' bejn il-kontendenti tas-6 ta' Novembru, 1969, il-fondi akkwistati mill-attriċi kellhom jiġu "*fully completed, ready for use and habitation by the 30th day of June, 1970, and in any event not later than the 31st day of October, 1970, and in default of completion by this last mentioned date the vendors will have to pay a penalty of Lm2 per day with effect from the first (1st) day of November, 1970*". Huwa fatt ukoll innegabbli li l-attriċi billi kienet ippretendiet li l-konvenuti ma kinux onoraw il-kuntratt ta' l-appalt fuq imsemmi, kienet għamlitilhom kawża quddiem dik il-Qorti biex jiġu kkundannati jikkompletaw minn kollox u skond il-ftehim u mingħajr difetti l-*flat* in kwistjoni f'terminu prefiġġendi u fin-nuqqas tiġi awtorizzata tesegwixxi x-xogħol hi stess spejjeż tagħhom. Fil-premessi taċ-ċitazzjoni hija kienet ippremettiet li l-kwalità tax-xogħol u l-materjal kellhom

ikunu tajba, li l-proġett kellu jikkonsisti f'*Super Luxury flats* u li l-*flat* u garaxx "*de quo*" kellhom ikunu lesti "*up to specification*" sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru, 1970 u li mill-1 ta' Novembru, 1970 kellhom fin-nuqqas jiddekorru penali ta' Lm2 kuljum favur l-attriċi;

Dik il-Qorti f'dik il-kawża kienet stabbiliet f'hiex kienu jikkonsistu l-mankanzi u difetti lamentati mill-attriċi u huma dawk elenkati fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar, 1977. Dik il-Qorti apparti dan kienet laqgħet it-talbiet ta' l-attriċi u tat 3 xhur żmien lill-konvenuti biex jirrimedjaw għan-nuqqasijiet u difetti fuq imsemmija. Wieħed irid jikkonsidra d-difetti lamentati mill-attriċi u stabbiliti mill-Qorti fid-dawl tal-ftehim u kuntratt ta' appalt eżistenti bejn il-partijiet. Il-*flats* in kwistjoni kellhom ikunu *Super luxury flats* kif hemm imsemmi fl-istess kuntratt. Il-fondi in kwistjoni kellhom ikunu kemm "*fully completed*" kif ukoll "*ready for use and habitation*" bħala f'kumpless ta' "*Super luxury flats*" kif miftehma. Huwa evidenti mir-riżultanzi kollha fil-każ li l-fondi in kwistjoni ma kinux hekk ikkompletati skond l-appalt fil-31 ta' Ottubru, 1970 u ċertament ma kinux hekk ikkompletati sad-data tas-sentenza tal-31 ta' Jannar, 1977. Effettivament għalhekk mill-1 ta' Novembru, 1970 bdew jiddekorru favur l-attriċi l-penali ta' Lm2 kuljum kif stabbilit fil-kuntratt ta' appalt. Fil-fatt sal-ġurnata ta' meta l-attriċi biegħet il-fondi "*de quo*" lil terzi ebda xogħol ma sar fihom biex jiġu rrimedjati d-difetti. L-attriċi qiegħda tibbaża t-talba tagħha għall-penali mill-1 ta' Novembru, 1970, sal-31 ta' Jannar, 1977. B'hekk allura hija qiegħda tippretendi li hemm dovuti lilha penali ammontanti għas-somma globali ta' Lm4566;

Min-naħa tagħhom il-konvenuti rigward it-talba ta' l-attriċi għall-ħlas tal-penali qegħdin jeċċepixxu żewġ affarijiet. L-

ewwelnett qegħdin jeċċepixxu li l-penali mitluba huma preskritti u fit-tieni lok li huma jinsabu kredituri ta' l-attriċi fl-ammont ta' Lm2087.50, bl-imgħax legali mit-8 ta' Frar, 1979 għall-bilanċ ta' l-appalt skond il-kuntratt tas-6 ta' Novembru, 1969;

Rigward l-eċċezzjoni ssollevata mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni b'verbal tas-26 ta' April, 1982, ġie rreġistrat li Dr. Riccardo Farrugia għall-konvenuti jissottometti li l-preskrizzjoni minnu eċċepita hija dik ta' sentejn taħt l-artikolu 2258 tal-Kodiċi Ċivili u mingħajr preġudizzju dik tal-5 snin skond l-artikolu 2261(f) tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 2258 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li "L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn u l-artikolu 2261(f) ta' l-istess Kodiċi jgħid li "L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' ħames snin – *omissis* – u l-(f) L-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditur ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa' skond din il-liġi jew liġijiet oħra taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;

Fil-fehma ta' dik il-Qorti l-ebda waħda minn dawn il-preskrizzjonijiet imsemmija mill-konvenuti ma tapplika u kif sewwa rrileva d-difensur ta' l-attriċi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu l-unika preskrizzjoni li hi applikabbli għal każ hija dik ta' 30 sena billi d-dritt ta' l-attriċi huwa naxxenti minn kuntratt pubbliku. Barra minn dik li semma d-difensur tal-konvenuti kkontemplata fl-art. 2261(f) ma tapplikax għaliex tirreferi għall-obbligazzjonijiet li ma jkunux jirriżultaw minn att pubbliku. Kwindi għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenuti tal-preskrizzjonijiet fuq imsemmija qed jiġu respinti;

Fl-1 ta' April, 1981, il-konvenuti *noe* eċċipew li huma

kredituri ta' l-attriċi fl-ammont ta' Lm2087.50, bl-imgħax legali mit-8 ta' Frar, 1979 għall-bilanċ ta' l-appalt. Skond il-kuntratt tas-6 ta' Novembru, 1969. Fil-fatt din tammonta għall-eċċezzjoni ta' kumpensazzjoni ta' parti mill-kreditu pretiż u dovut lill-attriċi. Skond il-ġurisprudenza tagħna biex ikun hemm tpaċija l-kreditu pretiż mill-parti l-oħra irid ikun ċert, dovut u likwidu. Il-kreditu li l-konvenuti qegħdin jippretendu li għandu jiġi paċut ma' dak ta' l-attriċi huwa naxxenti mill-kuntratt ta' appalt imsemmi mill-partijiet. Dik il-Qorti fil-kawża l-oħra fl-istess ismijiet deċiża fil-31 ta' Jannar, 1985 kienet elenkat lista sħiħa ta' mankanzi u difetti li l-konvenuti kienu ħatja tagħhom fl-esekuzzjoni tal-kuntratt ta' appalt li kellhom ma' l-attriċi. Fil-fatt huma kienu lesti li jnaqqsu somma konsiderevoli minn dak li huma kienu qegħdin jippretendu li kien fadlilhom jieħdu bħala bilanċ mill-prezz ta' l-appalt. Għamlu ħafna tentattivi biex jaslu f'somma però kif ġà ntqal aktar 'il fuq ma rnexxilhomx. Kwindi llum il-posizzjoni hija li kien hemm diversi affarijiet li kellhom isiru minnhom skond l-istess kuntratt ta' appalt, li fil-fatt attwalment baqgħu ma sarux. Għalhekk ċertament illum b'ebda mod ma jista' l-kreditu tagħhom jiġi kkunsidrat bħala ċert, likwidu u l-anqas dovut. Kwindi din l-eċċezzjoni fil-fehma tal-Qorti għandha wkoll tiġi respinta;

Rat in-nota ta' l-appell ta' "Anthony Azzopardi *et*" ippreżentata fit-13 ta' Marzu, 1985, u l-petizzjoni ta' l-appell tal-"konvenuti Anthony Azzopardi u Joseph Psaila Manchè bħala Diretturi u in rappresentanza ta' *"New Homes (Malta) Limited"*, li talbu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza msemmija fis-sens li (1) tikkonfermaha fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tagħhom u ċaħdet l-ewwel talba attriċi u fejn akkollat parti mill-ispejjeż lill-attriċi; (2) tirrevokaha fil-partijiet l-oħra billi jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet kollha tagħhom u miċħuda t-talbiet

kollha ta' l-attriċi bl-ispejjeż; u (3) fil-każ biss li ma jiġux milqugħa l-eċċezzjonijiet oriġinali tagħhom u tiġi milqugħa biss l-eċċezzjoni ulterjuri dwar kompensazzjoni li jiġi deċiż il-bilanċ dovut lill-atturi għandu jkun dak ta' Lm2.478,50 bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta ta' l-attriċi *'proprio et nomine'* li ssottomettiet in linea preliminari li l-appell tal-konvenuti *'nomine'* huwa null *stante* li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentatx nota ta' l-appell iżda ġiet ippreżentata nota mill-konvenuti personalment biss; u illi fil-mertu l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż. Barra minn hekk, l-atturi ddikjaraw li kienu qegħdin jipprevalixxu ruħhom mill-appell interpost mill-konvenuti *'nomine'* biex jinterponu appell inċidentali mill-imsemmija sentenza u talbu lil din il-Qorti tirriforma l-istess sentenza billi tirrevokaha in kwantu laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti *'nomine'* u ċaħdet l-ewwel talba ta' l-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom, u tikkonfermaha fil-kumplament, u b'hekk tiddeċidi billi tilqa' prevja r-riġett ta' kull eċċezzjoni, it-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti *'nomine'*;

Rat in-nota ta' Mary Magdalene Symes *pro et noe* ppreżentata quddiem din il-Qorti fl-udjenza ta' l-10 ta' Novembru, 1986, u li permezz tagħha ġiet irrilevata n-nullità ta' l-appell "talli l-appellant *nomine* ma ppreżentax in-nota neċessarja ta' l-appell";

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni mid-Difensuri tal-kontendenti dwar il-kwistjoni tan-nullità ta' l-appell;

*Ikkunsidrat dwar din l-istess kwistjoni;*

Fil-fatt, konvenuta f'din il-kawża hija s-soċjetà *"New Homes Limited"* kif irrappreżentata fil-ġudizzju mill-imsemmija Anthony Azzopardi u Joseph Psaila Manchè, li l-ebda wieħed minnhom ma huwa konvenut f'ismu proprju;

In-nota ta' l-appell għandha bħala okkju "Mary Magdalene *sive* Mary Dudley Symes *pro et noe vs* Anthony Azzopardi *et*" u hija deskritta bħala "Nota ta' l-appell ta' Anthony Azzopardi *et*";

*Jidher ċar minn dan li l-ebda nota ta'* appell ma saret mis-soċjetà konvenuta, imma nota ta' appell saret biss minn Anthony Azzopardi u xi ħadd ieħor *"sic et simpliciter"*, bla ebda kwalifika *ta' xejn* u bla ebda indikazzjoni li dawn qegħdin jidhru in rappresentanza ta' xi persuna oħra u mhux f'isimhom proprju;

L-artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) jagħti l-fakoltà *lill-Qorti li* tordna jew tippermetti, fin-nota ta' l-appell u skritturi oħra hemm imsemmija, li **jissewwa kull żball** fl-isem tal-Qorti, tal-partijiet jew tal-kwalità *li fiha huma jidhru. Il-Qorti hija awtorizzata, għalhekk, tordna* jew tippermetti **korrezzjoni** fil-kwalità li fiha tidher persuna, iżda m'hijiex awtorizzata żżid persuna li ma tkunx inkluża fin-nota jew tissostitwixxi l-persuna li tkun għamlet in-nota b'waħda kompletament differenti. Din ovvjament ma tkunx korrezzjni ta' żball iżda żieda ta' appellant jew sostituzzjoni ta' persuna b'persuna ma' l-insenjament tal-ġurisprudenza tagħna *kif* ġie diversi drabi ritenut mill-Qrati (Vol. XXIX.I.1554; "Camilleri *vs* Camilleri" - Appell Ċivili, 4 ta' Settembru, 1981; "Formosa *vs* Grech" - Appell Kummerċjali, 1 ta' Frar, 1984);

In-nota ta' appell hija element essenzjali ta' l-interposizzjoni ta' appell f'każijiet bħal dak in eżami, u l-ommissjoni ta' nota simili mis-soċjetà konvenuta ma tista' bl-ebda mod tiġi ssanata jew supplita, għax dan ikun jimporta li jkun qiegħed jiġi ammess appellat li fil-fatt ma appellax, *stante* li naqas li jagħti avviż permezz tan-nota kif preskritt mil-liġi. L-anqas ma hemm għalfejn jingħad li bil-fatt li l-petizzjoni ta' l-appell saret mill-"konvenuti Anthony Azzopardi u Joseph Psaila Manchè bħala Diretturi u in rappresentanza ta' *"New Homes (Malta) Limited"*, id-difett tan-nuqqas tan-nota, li hija l-att li "bih" isir l-appell (art. 226(2), Kap. 12), xorta waħda ma jistax jiġi ssanat;

Għal dak li jirrigwarda l-appell inċidentali ta' l-attriċi *'proprio et nomine'*, kif jinsab assodat fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti, la darba l-appell prinċipali huwa null jaqa' wkoll l-appell inċidentali "li ħa l-mossi minn dak l-appell prinċipali, u li qiegħed jippresupponi l-eżistenza ta' dak l-appell prinċipali, mentri dan qatt ma eżista skond il-liġi" ("Borg *utrinque*, 19 ta' Ġunju, 1944 - Vol. XXXII.I.66);

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tiddikjara null kemm l-appell prinċipali u kemm l-appell inċidentali. L-ispejjeż ta' l-appell prinċipali jitħallsu mill-appellanti prinċipali u dawk ta' l-appell inċidentali mill-appellanti inċidentali.